# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 8**

**Rikors numru 1229/20/1 AF**

**Geraldine Noel**

**v.**

**L-Avukat ta' l-Istat u s-Segretarju tal-President ta' Malta, għal kull interess li jista' jkollu bħala Awtorità Nominata skond l-att Dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki**

1. L-attriċi appellat minn digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 ["digriet appellat"] li bih ordnat is-soprasessjoni tal-kawża fir-rigward tal-meritu u ordnat li s-smigħ tal-kawża jitkompla fir-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari.

**Preliminari**

2. Il-fatti prinċipali huma dawn:

2.1. L-attriċi hi *barrister* u membru *in good standing* kemm tal-*General Council of England and Wales and The Bar Standard Board of England* u kif ukoll tal-*Kings Inn Bar* tar-Repubblika tal-Irlanda;

2.2. Fl-2010 l-attriċi ħadet residenza permanenti f'Malta;

2.3. Fl-2011 l-attriċi talbet li, bis-saħħa ta' diversi direttivi tal-Unjoni Ewropea[1], tipprattika l-professjoni tagħha f'Malta;

2.4. Fl-2012 inħareġ favuriha *Certificate of Registration of Practice of the Legal Profession under the Title given by the Country of Origin* iffirmat mill-President ta' Malta bl-awtorizzazzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja u Intern ta' dak iż-żmien[2];

2.5. Fl-2019 l-attriċi talbet direzzjoni sabiex tapplika '*to be admitted to practice under the local warrant and title of Advocate'*[3];

---

[1] Senjatament: (i) 77/249/EEC tat-22 ta' Marzu 1977 biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati; (ii) 98/5/KE tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni; u (iii) 2005/36/KE tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali

[2] Fol. 39

[3] Fol. 46, 89

2.6. It-tweġiba tal-avukat tal-Ministeru tal-Ġustizzja kienet, illi sabiex hija tikseb *warrant* ta' Avukat f'Malta l-attriċi riedet tissodisfa l-istess rekwiżiti bħal kull persuna ta' nazzjonalità Maltija, bl-uniku eċċezzjoni tkun ir-rekwiżit li tikseb lawrija fil-liġi mill-Università ta' Malta[4];

2.7. L-attriċi nsistiet li, bħala *EU registered lawyer*, m'għandhiex bżonn tagħmel l-eżami tal-*warrant* f'Malta;

2.8. Varji rappreżentanti governattivi tennewlha iżda li ma għandha l-ebda dritt awtomatiku illi tingħata *warrant* ta' avukat f'Malta u li tali *warrant* seta' biss jingħatalha wara li tagħmel u tgħaddi mill-eżami appożitu.

3. Fit-22 ta' Diċembru 2020 l-attriċi ppreżentat il-kawża u ppremettiet li peress li hi *barrister* fir-Repubblika tal-Irlanda u r-Renju Unit, a bażi tan-normattiva tal-Unjoni Ewropea, għandha jedd għall-*warrant* ta' avukat Malti. Konsegwentement talbet lill-Qorti sabiex:

> *"1. tiddikjara u tiddeċiedi għar-raġunijiet premessi illi l-esponenti hija intitolata illi tiġi rikonoxxuta u tingħata t-titolu Professjonali u l-Warrant ta' Avukat f' Malta, bid-dritt ta' eżerċizzju tal-Professjoni ta' Avukat f' Malta, bħall-Avukati l-oħra f' Malta u tal-professjoni forensi ta' Avukat fit-termini kollha tal-Liġi;*
>
> *2. tordna lill-Awtoritajiet Kompetenti sabiex jirrikonoxxu għar-raġunijiet premessi l-intitolament tar-Rikorrenti li tingħata t-titolu professjonali u Warrant ta' Avukat f' Malta bid-dritt li teżerċita l-*

[4] Fol. 85 *et seq*.

*Professjoni ta' Avukat f' Malta bħall-Avukati l-oħra f' Malta u tal-professjoni forensi ta' Avukat."*

4. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fit-22 ta' Jannar 2021[5], il-konvenuti sostanzjalment wieġbu illi, in linea preliminari l-azzjoni odjerna: (i) in kwantu dikjaratorja, hija improponibbli, irrita u nulla; (ii) ma tistax issir kontra l-President ta' Malta fil-qadi ta' dmirijietu skont l-Artikolu 742A tal-Kap. 12; u (iii) il-premessa numru 7 hija konfużjonarja u għandha tiġi injorata. Fil-meritu wieġbu illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li l-attriċi m'għandhiex jedd għall-*warrant* ta' avukat f'Malta mingħajr ma tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 81 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fosthom l-eżami tal-*warrant* stipulat fl-Artikolu 81(f) tal-Kap. 12.

5. Fid-29 ta' April 2022, wara diversi seduti għall-ġbir tal-provi tal-attriċi, ippreżentat rikors[6] permezz ta' liema ppremettiet li fil-mori ta' dawn il-proċeduri ġew istitwiti *infringement proceedings* kontra Malta fuq nuqqas ta' Malta li timplimenta l-*Lawyers Directive* u l-*Professional Qualifications Directive* (INFR(2022)4011). Sostniet illi l-meritu tal-*infringement proceedings* huwa *in parte* identiku għall-meritu tal-kawża u għalhekk talbet illi, sakemm il-Qorti ma tikkontemplax referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jogħġobha minflok:

[5] Fol. 48 *et seq*
[6] Fol. 160 *et seq*

*"tissoprassjedi pendenti l-eżitu tal-proċeduri fuq imsemmija tal-infringment proceedings istitwiti mill-Unjoni Ewropea kontra Malta, u dan dejjem salv kull direttiva li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti."*

6. L-Avukat tal-Istat wieġeb[7] illi ma kellux oġġezzjoni għal dik it-talba u qal li joqgħod għad-deċiżjoni tal-Qorti.

7. Is-segretarju tal-President ta' Malta minn naħa l-oħra wieġeb[8] illi:

*"jekk din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun li tissoprasjedi l-kawża, tagħmel dan limitatament għall-mertu tal-kawża, filwaqt li l-kawża odjerna għandha tipproċedi limitatament sabiex jiġu deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari kollha li ġew sollevati mill-intimati fosthom sabiex tiddetermina jekk il-kawża hijhiex proponibbli fil-konfront tal-esponenti, u jekk l-esponenti għandiex tibqa' parti fil-kawża bħala intimat."*

8. Fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2022, l-Ewwel Qorti wara li għamlet referenza għar-rikors tal-attriċi u t-tweġibiet, iddeċidiet:

*"tissoprassjedi limitatament għal mertu tal-kawża u tordna li l-kawża timxi regolarment sabiex jiġu trattati u deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari kollha."*

**<u>L-Appell</u>**

9. Permezz ta' rikors ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2022, l-attriċi appellat mid-digriet tat-8 ta' Novembru 2022 a bażi tal-Artikolu 229(2)(e) tal-Kap. 12. F'dan il-kuntest qalet li hi konxja li dik id-dispożizzjoni tippermetti appell biss f'każ li jitwaqqfu l-proċeduri. Kif rajna, f'dan il-każ

[7] Fol. 168
[8] Fol. 171

l-Ewwel Qorti ordnat is-soprasessjoni biss dwar il-meritu tal-kawża. Madankollu argumentat li:

i. id-digriet ta' soprasessjoni kien wieħed limitat għall-meritu u għalhekk parzjali, erronju u mhux komplet;

ii. ma jidhirx illi l-kodiċi ta' proċedura jew prattika tirrikonoxxi s-soprasessjoni fuq eċċezzjonijiet iva u oħrajn le, jew soprasessjoni *in parte*;

iii. l-aċċettazzjoni tas-soprasessjoni saret b' mod anomalu għaliex ordnat *in parte* il-waqfien u *in parte* t-tkomplija.

10. Għalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex :

> *"prevja li tħassar, tirrevoka, tirriforma, timmodifika u jew tagħti d-direttivi opportuni dwar id-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta' Novembru 2022 fuq indikata fil-kawża fin-numru u fl-ismijiet premessi, dejjem taħt kull ordni u provvediment li jidrulha xierqa. Dan kollu qed jingħad jingħad bir-riserva rispettuża ta' kull dritt u azzjoni fil-liġi."*

11. L-Avukat tal-Istat wieġeb fit-23 ta' Novembru 2022. <u>In linea preliminari</u> eċċepixxa n-nullità tal-appell billi d-digriet appellat m'huwiex wieħed li jaqa' taħt l-Artikolu 229(2)(e) tal-Kap. 12. Jgħid illi anke jekk għall-grazzja tal-argument kellu jingħad li dan l-appell seta' jsir, l-istess seta' biss jiġi ntavolat wara s-sentenza definittiva u mhux f'dan l-istadju tal-kawża. <u>Fil-meritu</u> argumenta li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-ewwel grad

kienet korretta billi m'hemm l-ebda ħtieġa għal soprasessjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari u li inoltre l-appell ma sarx a tenur tal-Artikolu 142 *et seq*. tal-Kap. 12 billi dak li qiegħed jintalab huwa biss direzzjoni u aggravju m'hemmx.

12. Is-Segretarju tal-President ta' Malta wieġeb fl-24 ta' Novembru 2022. In linea preliminari eċċepixxa li r-rikors tal-appell hu null għaliex sar qabel l-għoti ta' sentenza definittiva u dan mingħajr il-permess tal-Ewwel Qorti. Fil-meritu wieġeb illi d-digriet appellat huwa ġust billi l-eżitu tal-*infringement proceedings* huwa rrilevanti għall-finijiet tal-eċċezzjonijiet preliminari. Jgħid li apparti dan, kawża oħra fuq l-istess meritu (Rikors Nru. 1017/2019 GM) baqgħet għaddejja minkejja l-*infringment proceedings imsemmija.*

## Konsiderazzjonijiet

13. L-Artikolu 229 tal-Kap. 12 *inter alia* jipprovdi illi:

> *"229.(1) Appell minn dawn id-digrieti li ġejjin jista' jsir biss wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistgħux jiġu kontestati qabel ma tingħata s-sentenza definittiva:*
>
> *...*
>
> *(l) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għal konċessjoni speċjali sabiex ikun jista' jsir appell skont is-subartikolu (5);*
>
> *(m) dwar digriet li ma jilqax talba għal waqfien fil-proċedimenti.*

*(2) Id-deċizjoni tal-qorti fil-każijiet hawn taħt imsemmija għandha tingħata permezz ta' digriet li jinqara bil-miftuħ fil-qorti f'jum li jiġi debitament notifikat lill-partijiet, u jista' jsir appell minn dak id-digriet qabel is-sentenza definittiva bla ħsara għall-proċedura stabbilita fis-subartikoli (4) u (5):*

*...*

*(e) digriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti;*

*...*

*(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell.*

*............*

*(9) Fil-każ ta' appell frivolu jew vessatorju, il-Qorti tal-Appell għandha taqta' spejjeż doppji kontra l-appellant u favur l-appellat ,u tista' tikkundanna lill-appellant iħallas lill-appellat somma li ma tkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħau tletin ċenteżmu (2,329.37) bħala penali, salv kull jedd għall-ħlas ta' danni li l-appellat jista' jkollu.*

*...*"

14. F'dan il-każ ma ntalab l-ebda permess lill-Ewwel Qorti sabiex isir dan l-appell għaliex l-attriċi ssostni li d-dritt ta' appell jirriżulta mis-sub-paragrafu (2)(e) li ma jipprovdix li hemm bżonn l-awtorizazzjoni tal-Qorti biex isir appell.

15. Is-sub-paragrafu (2)(e) tal-Artikolu 229 tal-Kap.12 japplika biss għal digriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti. *Se mai* allura japplika għal dik il-parti tad-digriet appellat li ordnat il-waqfien tal-proċedimenti fil-meritu. Ovvjament l-attriċi m'għandha l-ebda interess li tappella minn dik il-parti tad-digriet ġialadarba kienet hi li talbet is-soprasessjoni tal-kawża. Tant hu hekk li ma talbitx għar-revoka ta' dik il-parti tad-digriet. Għalhekk l-Art 229(2)(e) tal-Kap. 12 ma japplikax għall-appell tal-attriċi.

16. Min-naħa l-oħra, dik il-parti tad-digriet appellat fejn il-Qorti tal-ewwel grad ordnat li l-kawża tkompli sabiex jiġu trattati u deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari kollha hi regolata bl-Artikolu 229(1)(m) tal-Kap.12, u għalhekk m'hemmx appell minnha qabel is-sentenza definittiva.

17. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet m'hemmx dubju li l-appell tal-attriċi hu null.

<u>Deċiżjoni</u>.

Għal dawn il-motivi tiddikjara null l-appell tal-attriċi u peress li tqis li sar b'mod fieragħ tikkundannaha tħallas l-ispejjeż għal darbtejn favur kull wieħed mill-appellati.

Ir-Reġistratur għandu minnufih jibgħat l-atti lura lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da